# M I N U T I

**LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA**

**IS-SEBA' LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU 39**

16 ta' Novembru 2017

Il-Kunsill Lokali Floriana ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 15 Pjazza Emanuel S Tonna, il-Furjana, fil-5.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sinjorina Davina Sammut Hili | ( DSH ) | Sindku |
| Is-Sur Vince Borg | ( VB ) | V/Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Kunsillier |
| Is-Sur Anthony Grech Sant | (AGS) | Kunsillier |

SKUŻAT:-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Albert Demarco | ( AD ) | Kunsillier |

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI :-

M' Lourdes Lautier Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku Davina Sammut Hili presediet il-laqgħa.

**39.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI;**

39.1.1. Is-Sindku DSH ressqet talba għal apoloġija tal-Kunsillier AD. Il-Kunsill qabel li għandu jkun skużat.

**39.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

39.2.1. Is-Sindku DSH ressqet il-minuti tat-tmienja u tletin (38) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

39.2.2. Il-Kunsillier JAE ressaq mozzjoni issekondata mill-Viċi Sindku VB favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun:

Favur: 3 (JAE, VB, DSH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 1 (AGS)

39.2.3. Il-Kunsillier AGS iddikjara li r-raġuni għalfejn kien qed jastjeni mil-votazzjoni hija minħabba li ma kienx preżenti għall-aħħar laqgħa.

39.2.4. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 38.10.7 u staqsa dwar il-ktejjeb tal-Kunsill. Is-Sindku wieġbet li l-istaff amministrattiv kien qed jaħdem fuqu. Is-Sindku spjegat kif ser ikun il-format u x'kien ser jinkludi.

39.2.5. Il-Viċi Sindku VB staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp dwar il-logo tal-lokalita. Il-Kunsillier JAE wieġeb li għad ma kienx hemm żviluppi.

39.2.6. Il-Viċi Sindku VB informa li l-Kunsill kien irċieva l-minuti tal-Forum Riġenerazzjoni tal-President li kienu ġew imqassma mis-SE.

**39.3 KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU**

39.3.1. Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill bil-vandaliżmu li kien sar fil-*playing field* kif ukoll fi Ġnien Preziosi f'dawk l-aħħar jiem. Hija qalet li minħabba f'hekk il-piċċ kellu jingħalaq.

39.3.1.1. Is-Sindku DSH qalet li l-Kunsill kien diġà avviċina lill-kuntrattur biex it-turf jiġi rranġat b'mod temporanju u qalet ukoll li kienu ntalbu kwotazzjonijiet biex jitranġaw il-lasti u l-fencing.

39.3.1.2. Is-SE qalet li kien ġie suġġerit tip ta' materjal differenti għall-fencing, li huwa vandal proof. Il-Kunsill qabel ladarba dan ikun iktar sigur.

39.3.1.3. Is-Sindku DSH informat ukoll li kien sar vandaliżmu wkoll fuq waħda mil-logħob tat-tfal u kien diġà ġie avviċinat il-kuntrattur sabiex isiru t-tiswijiet neċessarji.

39.3.1.4. Il-Kunsillier AGS għamel riferenza għall-kameras tas-sigurtà u staqsa jekk il-kameras kienux jilħqu ż-żona fejn saru l-atti vandali. Is-Sindku DSH wieġbet li l-Kunsill kien ser jara l-filmati.

39.3.1.5. Il-Kunsillier AGS għamel riferenza wkoll għad-dawl tal-piċċ u staqsa għalfejn dan kien qed jibqa' jixgħel sad-9.30pm ladarba ma kienx qed jintuża. Is-Sindku DSH wieġbet li d-dawl kien jixgħel sa dak il-ħin minħabba li l-piċċ kien jitħalla miftuħ.

39.3.1.6. Il-Kunsillier JAE propona li tintalab il-ko-operazzjoni tal-Pulizija minħabba li minbarra il-vandaliżmu, kien innota wkoll li kien qed ikun fliexken tal-alkoħol fil-bandli. Is-Sindku qalet li kienet talbet lill-Pulizija għal iktar moniteraġġ taż-żona.

39.3.1.7. Is-Sindku DSH qalet li piċċ bħal dan ma setax jitħalla miftuħ erbgħa u għoxrin siegħa u qalet li l-Kunsill għandu jerġa' jiddiskuti u jieħu deċiżjoni dwar il-ħin tal-ftuħ la l-piċċ jiġi rranġat.

39.3.1.8. Il-Kunsillier JAE qal li n-nies jiġu jagħmlu użu mill-piċċ u ma japprezzawx l-investiment li għamel fih il-Kunsill.

39.3.1.9. Is-Sindku DSH qalet li xi ftit jiem qabel kienu qaċċtu wkoll il-parti ta' fuq tal-bexxiexa tal-funtana.

39.3.1.10. Is-Sindku DSH informat li s-SE kellha laqgħa mal-ELC fejn ġie suġġerit li ssir sistema ta' irrigazzjoni. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni biex jinkludi din is-sistema fil-proġett tal-KGV.

## 39.4 Rapporti

39.4.1. Il-Viċi Sindku VB informa lill-Kunsill li l-Awtorita' tal-Ippjanar qed tiddiskuti l-alterazzjoni fil-Hotel Phoenicia. Huwa żied jgħid ukoll li fil-fażi li jmiss ser jiġu rranġati l-banjijiet ta' Santu Rokku.

39.4.2. Il-Viċi Sindku VB informa lill-Kunsill li kellu laqgħa ma' xi Taljani li jipproduċu l-għaġina fejn proponew li jingħataw żona fejn ikunu jistgħu isajjru l-għaġin. Il-Viċi Sindku VB qal li għandhom jibgħatu talba formali fil-jiem li ġejjin.

## 39.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

39.5.1. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-Forum tal-President għar-Riġenerazzjoni tal-Floriana u staqsa rigward il-ħidma li semmiet il-President. Is-Sindku DSH wieġbet li kienet iċċirkolat l-email tal-President fejn talbet laqgħa ma' diversi stakeholders. Hija qalet li kienet għadha qed tistenna risposta.

39.5.2. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk kienx hemm xi informazzjoni rigward l-attivitajiet relatati mal-Istrina. Is-Sindku DSH wieġbet li kienet ġiet informata li l-attività proposta minn kull lokalita ma kienitx ser tiġi organizzata. Hija qalet li sussegwentement, il-Kunsill kien ġie mitlub jorganizza xi attivitajiet bejn l-1 u t-3 ta' Diċembru iżda ma kienx hemm biżżejjed żmien sabiex jiġi organizzat programm fuq tliet ijiem.

39.5.3. Il-Kunsillier AGS staqsa għalfejn kienet tneħħiet l-iskip miż-żona tax-Xagħra.

39.5.3.1. Is-Sindku DSH qalet li din kienet tneħħiet minħabba ilmenti li kien hemm mill-Young Stars Hockey Club.

39.5.3.2. Il-Kunsillier AGS qal li huma ma xtaqux li din titneħħa iżda li titla' iktar 'il fuq. Is-Sindku wieġbet li hi ma taqbilx li titla' iktar 'il fuq minħabba li meta sar dan, kien hemm ħafna ilmenti mir-residenti u jkun hemm problemi fejn in-nies jibdew jarmu madwarha.

39.5.3.3. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk tistax issir f’xi tip ta’ gaġġa jew isirilha xi katnazz. Is-Sindku DSH wieġbet li jekk issir gaġġa xorta waħda ser ikun hemm min jarmi madwarha jew fil-kantuniera.

39.5.3.4. Is-Sindku DSH qalet li l-aħjar soluzzjoni tkun li jintlaħaq ftehim bejn il-Young Stars Hockey Club u l-Floriana Nursery li l-iskip tinżamm x’imkien fejn ma tantx tagħti fil-għajn.

39.5.4. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għal St Patrick’s Day u qal li kien ġie avviċinat mill-organizzaturi Mark Grech, Anton Attard u Red Electrick fejn proponew li jorganizzaw attività konġunta mal-Kunsill dakinhar ta’ St Patrick’s Day. Il-Kunsillier JAE qal li hu kien diġà informahom li l-attività kienet tiġi organizzata mill-Kunsill b’mod konġunt mal-Floriana Ajax. Il-Kunsill qabel li għandu jara x’ser joffru qabel ma tittieħed deċiżjoni finali.

**39.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta’ Kumitati u/jew Sottokumitati;**

39.6.1. Ma kienx hemm rapporti.

**39.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti**

39.7.1. Is-Sindku DSH ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 33/07 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

39.7.1.1. Il-Viċi Sindku VB iddikjara li hu kien ser jastjeni mill-pagament nru 40 dovut lil Vincent Mifsud.

39.7.1.2. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier JAE u ssekondata mill-Viċi Sindku VB, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta’ kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti imsemmija u l-proposti t’hawn fuq, bir-riżultat ikun favur nem con.

**39.8 Mozzjonijiet;**

39.8.1. Ma kienx hemm mozzjonijiet.

**39.9 Offerti pubbliċi;**

39.9.1. Is-SE informat lill-Kunsill li kien hemm bżonn ta’ manutenzjoni fil-vettura tal-Kunsill. Hija qalet li kienet intalbet kwotazzjoni li tammonta għal €230 + VAT. Il-Kunsill approva.

39.9.2. Is-SE informat lill-Kunsill li kienu intalbu kwotazzjonijiet għall-perspex fejn l-orħos waħda kienet tammonta għal €630. Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill li l-GreenMT kienu urew l-interess li jagħtu sponsorship għal dawn il-mapep. Il-Kunsill qabel li għandu jikkuntattjahom u jmexxi anke f’każ li ma japprovawx l-isponsorship.

39.9.3. Is-SE informat lill-Kunsill li kienu ntalbu wkoll kwotazzjonijiet għat-tabelli tal-Heritage Trail u l-base tagħhom.

39.9.3.1. Is-Sindku nformat li hemm tabella mkissra ħdejn il-Kalkara Gardens.

39.9.3.2. Il-Kunsill qabel li għandu jmexxi bl-orħos stima. Fir-rigward tal-bażi tal-ħadid, il-Kunsill qabel li għandu jara kemm hemm bżonn li jsiru sabiex jiġi determinat jekk hux ser ikun hemm bżonn li jinħareġ tender.

39.9.3.3. Il-Kunsillier JAE propona li jiżdiedu xi tabelli ġodda madwar il-lokalita.

39.9.3.4. Il-Kunsill qabel li jieħu ħsieb jibdel dawk li huma mkissrin u approva li jmexxi bil-kwotazzjoni ta' Jacap peress li bil-prezz kwotat, ser ikunu galvanizzati.

39.9.3.5. Is-Sindku DSH qalet li l-Kunsill għandu jimxi mal-kwalità u jara li veru jkunu durabbli.

## 39.10 KORRISPONDENZA

### 39.10.1 KAŻ MARION MERCIECA VS KUNSILL LOKALI FLORIANA

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand l-Avukat Dr Joseph Zammit fejn informa li kien ġie mitlub li l-każ tas-Sinjura Marion Mercieca jaqa'. Il-Viċi Sindku VB staqsa jekk il-Kunsill setax jitlob l-ispejjeż tiegħu lura bħalma huma l-ispejjeż tal-Perit. Is-SE wieġbet li dan ma setax isir ladarba l-każ ser jiġi ċedut miż-żewġ partijiet. Il-Kunsillier AGS staqsa jekk kienx hemm xi spejjeż tal-Avukat iżda s-Sindku wieġbet li dan kien jitħallas b'retainer u għalhekk ma kienx hemm spejjeż addizzjonali. Għalhekk, il-Kunsill qabel li għandu jċedi l-każ u li kull parti tħallas is-sehem tagħha. Dann l-iżvilupp seħħ wara li s-Sinj. Mercieca ressqet bħala prova lit-Tabiba li kienet ratha wara li waqgħet u din iddikjarat li s-Sinj. Mercieca ġarrbet ġrieħi veri ħfief.

### 39.10.2 KORRISPONDENZA MINGĦAND TREVOR BORG

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand Trevor Borg fejn irringrazzja lill-Kunsill tal-għajnuna tiegħu. Huwa kompla billi talab li jkun hemm tabella tal-isem tat-triq maġenb l-uffiċċju tiegħu. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li titwaħħal tabella maġenb il-Green Shutters u qabel li għandu jitkellem miegħu dwar id-dettalji.

### 39.10.3 URBAN IMPROVEMENT FUNDS

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand il-Planning Authority fejn informat li l-Urban Improvement Funds telgħu għal €308,599.

**Nota: 17:55 Is-Sindku DSH talbet li tkun skużata.**
**Il-Viċi Sindku VB ippreseda l-laqgħa.**

### 39.10.4 OBSTRUCTION QUDDIEM IL-PUBLIC CONTRACTS REVIEW BOARD

Il-Viċi Sindku VB ressaq ilment dwar ostakli ta' parkeġġ li qed tinħoloq quddiem il-grada tal-Public Contracts Review Board. Is-SE qalet li kienu qed jitolbu soluzzjoni sabiex ma jibqax ikun hemm inkonvenjent. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li jkun aħjar li l-Viċi Sindku VB jmur fuq il-post sabiex jara x'jista' jsir.

**Nota: 17:57 Is-Sindku DSH reġgħet attendiet għal-laqgħa.**

### 39.10.5 KORRISPONDENZA MINGĦAND LIGHT BLUE LTD.

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand Light Blue Ltd. fejn talbu permess sabiex jagħmlu bin fil-lokalita biex jinġabru ħwejjeġ użati.

**<u>Nota: 18:00 Il-Kunsillier AGS talab li jkun skużat.</u>**

Wara li ddiskuta, il-Kunsill ma qabilx li jilqa' din it-talba minħabba li diġà kien hemm kontenitur għal ħwejjeġ użati quddiem id-Dar tal-Kunsill.

**<u>Nota: 18:02 Il-Kunsillier AGS reġa' attenda għal-laqgħa.</u>**

**39.10.6 KORRISPONDENZA MINGĦAND IL-FLORIANA FOOTBALL NURSERY**

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand il-Floriana Football Nursery fejn offrew lill-Kunsill sabiex jipparteċipa b'mod konġunt f'turnament li ser jiġi organizzat, billi jieħu ħsieb il-printing tal-gears tal-plejers. Il-Kunsill approva bil-kundizzjoni li l-ispiża ma teċċedix l-€450.

**39.10.7 APPLIKAZZJONI GĦAL YOUTH CENTRE**

Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill li kien hemm applikazzjoni biex ikun hemm *change of use* ta' bini minn stores għal Youth Centre. Il-Kunsill qabel li għandu joġġezzjona għal din l-applikazzjoni primarjament minħabba r-residenti tal-viċinanzi kif ukoll minħabba li l-binja ma kienitx adattata biex issir Youth Centre u ma kellhiex ħruġ ta' emerġenzi u aċċessibilta' tajba.

**39.10.8 NATIONAL WHITE SPRING CLEAN HUNT**

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza dwar NationwideSpring Clean Up Earth Day li ser tinżamm nhar it-22 t'April 2018. Il-Kunsill qabel li għandu jipparteċipa f'din l-attività.

**39.10.9 KORRISPONDENZA MILL-OHSA**

Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill b'korrispondenza mill-OHSA fejn informaw lill-Kunsill li kien ġie mmultat is-somma ta' €250 minħabba li l-Kunsill ma kellux rapport relatat mal-Health & Safety. Is-Sindku nformat li s-SE kienet kitbet u kkontestat din il-multa. Hija qalet ukoll li l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali kienu taw struzzjoni lill-kunsilli lokali kollha sabiex għalissa ma jħallsux il-multa.

**39.10.10 KORRISPONDENZA MINGĦAND IS-SEGR. PARLAMENTARI GĦALL-PERSUNI B'DIŻABBILTA' U ANZJANITÀ ATTIVA**

Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill b'offerta' sabiex jinnomina persuna b'diżabbiltà jew NGO li taħdem f'dan il-qasam u li ħaqqha tiġi ppremjata għall-ħidma tagħha. Il-Kunsill qabel li l-kunsilliera għandhom jaħsbu sabiex jaraw lil min jistgħu jinnominaw.

**39.10.11 KORRISPONDENZA MINGĦAND GĦAQAL ID-DAR**

Is-SE qalet li l-Kunsill kien aċċetta li jipprovdi l-bini tal-Kunsill sabiex jinżammu sessjonijiet ta' Għaqal id-Dar. Is-SE qalet li eventwalment kienet ġiet informata li s-sessjonijiet kienu ser isiru filgħaxija u dan kien ser ifisser spiża ta' overtime għall-Kunsill minħabba li kien jirrikjedi li jkun hemm xi ħadd jiftaħ u jagħlaq il-bini tad-Dar tal-Kunsill. Semmiet ukoll li dak il-ħin nies anzjani isibuha inkonvenjenti li joħorġu waqt li ġenituri bi tfal żgħar ikunu okkupati jieħdu ħsieb il-bżonnijiet ta' wliedhom. Għalhekk wara li ddiskutiet magħhom, kien intlaħaq ftehim li s-sessjonijiet jinżammu f'April minflok f'Jannar sabiex ikunu jistgħu jinżammu filgħodu.

### 39.10.12 TALBA GĦAL RESERVED PARKING BAY - ICFMP

Is-SE informat lill-Kunsill li kienet ikkorrespondiet mal-ICFMP u rriżulta li kien hemm parti mill-applikazzjoni li trid timtela' mil-Kunsill. Hija qalet li l-Kunsill ried jipprovdi siteplan, li tiġi tiswa' lill-Kunsill madwar €300. Il-Kunsill qabel li għandu jitkellem mal-ICFMP u jitlobhom jipprovdilu d-dettalji mitluba sabiex timtela' l-applikazzjoni inkluż is-*siteplan* u r-ritratti mitluba.

### 39.10.13 KORRISPONDENZA MINGĦAND FONDAZZJONI NAZARETH

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza fejn informaw b'maratona televiża li ser tinżamm nhar is-26 ta' Novembru sabiex jinġabru fondi. Huma talbu l-għajnuna tal-Kunsill sabiex jippromwovu din il-maratona fost il-parruċċani tagħhom. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni u qabel li jkellem l-Arċipriet sabiex jagħmel avviż kif ukoll li jagħmel poster fuq il-paġna ta' Facebook tal-Kunsill.

### 39.10.14 KORRISPONDENZA MINGĦAND IL-FLORIANA FC

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand il-Floriana FC fejn offrew lill-Kunsill sabiex jiġi organizzat Awards Night b'mod konġunt. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni u qabel li għandu jilqa' l-offerta.

### 39.10.15 TALBA GĦAL AKTAR DAWL FI TRIQ SAN FRANĠISK

Is-Sindku DSH qalet li kienet ġiet avviċinata minn residenti fi Triq San Franġisk sabiex jiġi nstallat dawl wallmounted ġdid minħabba li hemm parti mdallma. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

Is-Sindku DSH informat ukoll li kienet tkellmet man-Nexos sabiex jaraw jekk jistax jiżdied xi dawl fejn hemm il-Young Falcons Club. Is-SE issuġġeriet li jsiru *floodlights* u fuqhom issir gradilja tal-ħadid sabiex jiġi evitat li jiġu vandalizzati.

### 39.10.16 CCTV MAĠENB IL-HEALTH CENTRE

Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill li ma kienx hemm oġġezzjoni li tiġi nstallata kamera maġenb iċ-Ċentru tas-Saħħa. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob laqgħa mal-Primary Health Care sabiex tiġi proċessata din ir-rikjesta.

### 39.11 VACATION LEAVE TAL-ISTAFF

39.11.1. Is-SE informat lill-Kunsill b'talba mingħand żewġ membri tal-istaff sabiex iġeddu ammont ta' siegħat ta' Vacation leave għas-sena ta' wara. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

### 39.12 STEDINA MILL-COMUNE TA' PALERMO

39.12.1. Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill b'komunikazzjoni li kellha mas-Segretarju Parlamentari għall-Ħarsien tal-Konsumatur u Valletta 2018 Dr Deo Debattista fejn laqqagħhom ma' delegazzjoni minn Palermo. Hija qalet li l-Kunsill kien iltaqa' magħhom u ospitahom billi dawwarhom mal-Floriana. Iddiskutew skambji ta' kultura, arti, mużika u sports. Ittieħdu jżuru l-Kappella ta' Sarria fejn hemm pittura ta' Santa Rosalia ta' Mattia Preti.

39.12.2. Id-delegazzjoni Palermitana stiednet lis-Sindku u żewġ uffiċjali mill-Kunsill kif ukoll lill-mużiċisti Dominic Galea, Charles "City" Gatt u Mario "cocker" Aquilina biex iżuru Palermo dan ix-xahar stess bħala skambju ta' kultura u turiżmu.

39.12.3. Ta' min jinnota li Santa Rosalia hija l-patruna ta' Palermo u għalhekk is-Sindku DSH informat lill-Kunsill li bħala rigal, il-Kunsill kien ser jippreżentalhom print ta' Santa Rosalia fuq il-kanvas li ser tammonta għal €74.76 VAT inkluż. Is-SE qalet li kienu ġew ordnati wkoll seba' prints ta' wiċċ Santa Rosalia fuq A4 minflok il-kotba li ssoltu jagħti l-Kunsill u li dawn ser iqumu €15.79. Il-Kunsill approva.

**39.13 FESTA LITURĠIKA TA' SAN PUBLJU**

39.13.1. Is-Sindku DSH qalet li kienet iċċekkjat mal-Assoċjazzjoni Publju Floriana u mal-Grupp Ħidma San Publju sabiex ma jkunx hemm attivitajiet li jaħbtu flimkien. Hija pproponiet li l-attività tinżamm nhar id-19 ta' Jannar. Il-Kunsill qabel.

39.13.2. Is-Sindku DSH fakkret li ser tinżamm ukoll esebizzjoni tal-fotografija kif ġie maqbul mill-Kunsill preċedentement.

39.13.3. Is-Sindku DSH esiġiet li meta jkun hemm qbil li tiġi organizzata attività tal-Kunsill, kulħadd għandu jieħu ħsieb li l-attività tkun organizzata u tkun kompluta. Hija fakkret li l-kunsilliera jerfgħu ir-responsabbilta' li jkunu qed jirrappreżentaw lill-Kunsill u għalhekk kulħadd għandu jagħti l-almu tiegħu.

**39.14 JUM DINJI TAT-TFAL**

39.14.1. Is-Sindku DSH informat li l-pitturi tat-tfal kienu nġabru u għandhom jitwaħħlu fuq il-bords sabiex jiġu esebiti fid-Dar tal-Kunsill fil-jiem li ġejjin.

**39.15 DWAL ĦDEJN IĊ-ĊENTRU TAS-SAĦĦA**

39.15.1. Din il-materja ġiet diskussa preċedentement.

**39.16 ATTIVITAJIET GĦAL ŻMIEN IL-MILIED**

39.16.1. Is-SE għamlet riferenza għall-attivitajiet għal żmien il-Milied u qalet li l-kuntrattur kien diġà beda' l-proċess sabiex jibda' jintrama' d-dawl fi Triq Sant'Anna.

**39.17 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS.**

39.17.1. Il-laqgħa intemmet fis-6.40pm u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 14 ta' Diċembru 2017 fil-5.00pm.

**Konfermati, illum il-Ħamis, 14 ta' Diċembru 2017.**

| | |
|---|---|
| Davina Sammut Hili | M'Lourdes Lautier |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |